MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Numru 127/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Mario Mangion ta' 48 sena iben Silvio u Dolores nee' Agius imwieled il-Hamrun nhar is-6 ta' Settembru 1961 u residenti gewwa Betty House, Lord Byron Street, Hamrun detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 669461(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mario Mangion li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fil-Gzira matul il-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Settembru 1990, volontarjament tgha n-nar lill-fond "Spares Garage", sitwat f'Ta' Xbiex Sea Front, Gzira meta gewwa dana il-garage ma kien hemm ebda persuna filwaqt tal-hruq, jew

volontarjament tgha n-nar lill-materjal li jaqbad u dan il-bini, gharix jew lok iehor jew dan il-materjal kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lill-bini iehor, gharíx, lok iehor fejn f'dak il-waqt hemm gewwa  kien hemm xi persuni.

b. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hamsin elf lira Maltin (Lm50000) ghad-dannu ta' diversi persuni u/jew kumpaniji assikuratrici.

c. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkometta serq ta' somma flus li tiskorri l-mitt lira Maltin (Lm100), izda ma tiskorrix l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Philip Grech, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur, u hin.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi,

Rat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-5 ta' Ottubru 2010.

Semghet lid-difiza tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni kriminali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi dina l-Qorti  sejra titratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali sollevata mid-difiza u dana a tenur ta' l-artikolu 688(c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bid-dekors ta' ghaxar snin.

Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizultaw is-segwenti punti saljenti:

1. Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi addebitat bi tlett tipi ta’ reati u cioe’ ir-reat tal-hruq doluz, ir-reat tal-hsara volontarja u finalment ir-r-reat ta’ serq aggravat, fejn kull reat ma igorrx piena li teccedi il-hames snin prigunerija.[1]
2. Illi l-imputat huwa akkuzat li ikkometta dawn ir-reati f’data partikolari u cioe’ fil-lejl bejn it-12 u it-13 ta’ Settembru 1990 u cioe’ ‘il fuq minn ghoxrin sena ilu. Illi madanakollu c-citazzjoni fil-konfront ta’l-imputat gietipprezentata quddiem dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-23 ta’ Frar 1999, u cioe’ kwazi disa snin wara l-kummissjoni tal-fatti li wasslu ghal kaz odjern. F’dak iz-zmien l-prosekuzzjoni kienet qed titmexxa mill-Ispettur Mario Bonnici.[2]

3. Il-kawza giet appuntata ghas-smiegh minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta ghal jum tal-18 ta’ Marzu 1999. Dak in-nhar l-Ispettur Bonnici ipprezenta riferta fejn kien hemm indikat illi l-avviz tas-smiegh tal-kawza u ic-citazzjoni thalliet ma’ missier l-imputat li iddikjara li l-imputat kien telaq minn Malta u mar ic-Cina snin qabel u ghalhekk l-imputat ma setax jigi rintraccjat. Ghalhekk dak in-nhar il-kawza giet differita *sine die*.[3]

4. Illi imbaghad fl- 4 ta’ Lulju 2008 u ghalhekk kwazi disa’ snin wara, l-Kummissarju tal-Pulizija intavola rikors fejn talab lill-Qorti tirriapunta il-kawza ghas-smiegh sabiex ikun jista’ jinhareg Mandat ta’ Arrest fil-konfront ta’l-imputat ai termini tat-Taqsima III ta’l-artikolu 62 ta’l-Avviz Legali 320 ta’l-2004 u l-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghal-jum tat-23 ta’ Ottubru 2008.[4] Hawnhekk il-prosekuzzjoni ta’ dina l-kawza bdiet titmexxa mill-Ispettur Joseph Mercieca.

5. Fl-20 ta’ Ottubru 2008, l-Avukat Generali esebixxa l-process verbal in konnessjoni ma’ dana l-incident redatt

---

[1] Ara nota ta’ rinviju a fol.207.
[2] Ara citazzjoni a fol.1 tal-process
[3] Ara fol.3 u 4 tal-process
[4] Ara rikors a fol.6 u digriet a fol.7

mill-Magistrat Inkwirenti il-Magistrat Silvio Meli fl-1 ta' Novembru 1990.[5]

6. Illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2008, il-Qorti kif diversament ippresjeduta astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni ta' dana l-kaz u l-atti tal-kawza gew assenjati lil dina l-Qorti kif ippresjeduta.[6]

7. Illi dina l-Qorti kif ippresjeduta appuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-19 ta' Novembru 2008 fejn gie ordnat il-hrug tal-Mandat ta' Arrest relattiv fil-konfront tal-imputat, liema Mandat ta'l-Arrest jinsab esebit fl-atti ta' dina l-kawza u jgib id-data tad-19 ta' Novembru 2008. [7]

8. Illi mill-verbali tas-seduti tal-4 ta' Marzu 2009, 5 ta' Ottubru 2009, u tat-13 ta' Jannar 2010 jirrizulta illi l-imputat kien ghadu ma giex irrintraccjat u ghalhekk il-Mandat ta' Arrest ma kienx ghadu gie esegwit.[8]

9. Illi fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2010 ghall-ewwel darba l-imputat deher ghas-seduta assistit mid-difensur tieghu u bdiet is-smiegh tal-kawza. F'dana l-istadju id-difiza issollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali minhabba d-dekors taz-zmien.[9] Izda peress illi dina l-Qorti kienet ghadha fil-kompetenza taghha bhala Qorti Istruttorja ma setatx tittiehed decizjoni dwar l-istess u ghalhekk bdiet tinstema l-kumpilazzjoni fil-konfront ta'l-imputat.

10. Illi permezz ta' nota ta' rinviju datata 5 ta' Ottubru 2010, l-Avukat Generali rrimetta l-Atti odjerni lil dina l-Qorti sabiex tiggudika fuq l-artikoli tal-ligi hemm indikati.[10]

11. Illi permezz ta' verbal maghmul mill-imputat fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2010, dana iddikjara li ma

---

[5] Ara Dok Jm a fols 8 sa 107 tal-process
[6] Ara verbal a fol.108
[7] Ara verbal a fol. 109 u mandat ta' arrest a fol. 114 u 115
[8] Ara fols. 116,117 u 118
[9] Ara verbal a fol.119 u 120 tal-process
[10] Ibid 1.

ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament minn dina l-Qorti.[11] Illi ghalhekk stabbilit il-kunsens taz-zewg partijiet – kif rikjest mil-ligi – din il-Qorti saret wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk taqa’ fil-kompetenza taghha li tiddeciedi dwar l-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar il-preskrizzjoni.

Illi kif diga gie rilevat iktar ‘il fuq l-preskrizzjoni li tolqot ir-reati addebitati lill-imputat f’dina l-kawza hija dik stabbilita fl-artikolu 688(c ) tal-Kapitolu 9 u cioe’ bid-dekors ta’l-ghaxar snin. L-artikolu 691 imbaghad jindika iz-zmien minn meta l-preskrizzjoni ghandha tibda tiddekorri meta jinghad: ***“Ghar-reati ikkunsmati, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni …”*** li ghalhekk kien jaqa’ fil-jum ta’12/13 ta’ Settembru 1990. Izda imbaghad l-artikolu 692 jispecifika illi ***“iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.”***

Illi meta wiehed jifli l-atti processwali jirrizulta illi meta sehh l-incident mertu ta’ dina l-kawza kienet saret l-Inkjesta Magisterjali u bdew l-investigazzjonijiet minn naha tal-pulizija sabiex jigi stabbilit min seta’ ikkometta dana id-delitt jew dawn id-delitti. Jidher illi l-imputat kien gie arrestat w interrogat fit-22 ta’ Settembru 1990 fejn ghalkemm kien hemm suspett fih madanakollu huwa baqa’ jichad l-involviment tieghu.[12] Illi mix-xhieda ta’l-ex Assistent Kummissarju Manwel Cassar li f’dak iz-zmien kien qieghed imexxi l-investigazzjonijiet, jirrizulta illi is-suspett kien waqa’ fuq l-imputat ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok kien hemm xi xhud okulari li jghid illi ra vettura tal-ghamla Renault Campus vicin il-lok tar-reat. Minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija kif ukoll mir-rapporti ta’l-esperti fl-Inkjesta irrizulta illi l-malviventi kienu kisbu access ghal garaxx in kwistjoni billi sgassaw il-bieb permezz ta’ vettura. Jidher illi l-imputat kellu vettura ta’ dina l-ghamla. Fit-tieni lok meta giet ezaminata l-vettura ta’ l-imputat instabu xi daqqiet mal-mudguard ta’ quddiem

[11] Ara verbal a fol.208

[12] Ara stqarrija a fol.126 u 127

tal-vettura kif ukoll xi zebgha ta’ kulur hamrani fuq ir-rim tal-vettura li kien jaqbel mal-kulur taz-zebgha tal-bieb tal-garaxx. Inoltre l-pulizija investigattiva stabbiliet illi l-imputat seta kellu mottiv sabiex jaghmel hsara lil Philip Grech sid il-garaxx peress illi l-imputat kien jikri restaurant li kien jinsab fuq dana il-garaxx minn ghand dana Grech u s-sid irrifjuta li jggeddidlu il-kirja peress illi tallbu rigal ta’ Lm15000 meta l-imputat kien lest li jhallsu Lm12000. Ghalhekk ma kienx intlahaq ftehim bejniethom u l-imputat kien kostrett jirritorna ic-cwievet tal-fond lura lis-sid. Dana sehh ftit xhur biss qabel ma sehh il-kaz. Illi jidher illi l-pulizija kienu qed isegwu dina il-pista fl-investigazzjonijiet taghhom certament sa mit-22 ta’ Settembru 1990. Illi fl-atti ta’l-inkjesta Magisterjali fil-fatt kien gie nominat Dr. Anthony Abela Medici bhala espert forensiku u dana permezz ta’ digriet tat-13 ta’ Settembru 1990. Illi fis-27 ta’ Settembru 1990 is-*scene of crime officer* li kien l-ex spettur John Ellul ghadda l-esebiti lil dana l-espert sabiex isiru l-analizijiet, liema rapport gie ipprezentat fis-16 ta’ Mejju 1994 fejn gie stabbilit illi iz-zebgha li kien hemm fuq ir-rim tal-vettura appartenenti lill-imputat kienet taqbel maz-zebgha li kien hemm fuq il-bieb tal-garaxx.[13] Illi ghalhekk jidher illi sahansitra sa minn ftit granet wara li sehh dana ir-reat kien hemm diga suspett fuq l-imputat liema suspett imbaghad iktar isahhah fl-1994 meta imbaghad l-espert forensiku hejja ir-rapport tieghu dwar l-ezamijiet forensici li kien ghamel. Fil-fatt lill-imputat ittiehditlu t-tieni stqarrija fis-27 ta’ Settembru 1994 esebita fl-atti bhala Dokument MC1 fejn l-imputat baqa’ jichad l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta’ dawn ir-reati. Ghaldaqstant certament sa minn Mejju 1994 setghu ittiehdu passi fil-konfront ta’l-imputat, haga li jidher li ma saritx peress illi wara dana l-imputat lehaq emigra minn Malta u ma setax jigi iktar rintraccjat.[14]

Illi stabbilit ghalhekk illi l-“hati”[15] kien maghruf ghal pulizija investigattiva u stabbilit ghalhekk illi l-preskrizzjoni certament bdiet tiddekorri sa minn Mejju 1994 irid issa jigi ezaminat il-mod kif seta’ jinkiser iz-zmien tal-preskrizzjoni.

[13] Ara rapport ta’ Dr. Anthony Abela Medici a fols.89 sa 107
[14] Ara xhied ata’l-ex Assistant Kummisarju Manwel Cassar a fol.130
[15] Dictura xejn felici uzata fl-artikolu 692 b’referenza ghal persuna tas-suspettat

Illi dana huwa ben sabbilit fl-artikolu 693 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi:

**(1) Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-prociment li jigi innotifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat.**

(2) **Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-Mandat ta' l-Arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok ghall-arrest, bic-citazzjoni, ghalkemm il-Mandat ta' l-Arrest jew ic-citazzjoni jkunu baqghu bla effett minhabba li l-imputat jew akkuzat jinheba jew jitlaq minn Malta.** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi ic-citazzjoni odjerna giet intavolata fit-23 ta' Frar 1999 u ghalhekk entro it-terminu preskrittiv ta' ghaxar snin mil-jum tal-kummissjoni tar-reat u certament fit-terminu minn meta il-hati sar maghruf lill-pulizija. Hawnhekk ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni inkiser jew gie interrott u dana kif stabbilit fis-sub-inciz 2 ta'l-artikolu 693 hawn fuq iccitat. Minn hawn izda beda jiddekorri mill-gdid peress illi l-imputat kien lahaq telaq minn Malta u ma setax iktar jigi rintraccjat.[16] Illi fid-19 ta' Novembru 2008 inhareg Mandat ta' l-Arrest fil-konfront ta'l-imputat u ghalhekk hawnhekk il-preskrizzjoni regghet inkissret meta it-terminu ta'l-ghaxar snin tal-preskrizzjoni allura kien ghadu lanqas ma iddekorra.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta illi it-terminu tal-preskrizzjoni ghall-azzjoni kriminali odjerna ma iddekorriex u kwindi l-eccezzjoni sollevata mid-difiza qed tigi michuda u l-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

[16] L-artikolu 693(3) tal-Kapitolu 9 jiddisponi illi "Iz-zmien miksur tal-preskrizzjoni jerga' jibda' miexi mill-gdid mill-gurnata li jkun gie miksur."

---------------------------------TMIEM---------------------------------